**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 49/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Nathaniel Joseph Mamo**

Illum, 30 ta' Settembru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Nathaniel Joseph Mamo, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 239382M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-lejl bejn is-17 u t-18 ta' Awwissu, 2017, gewwa l-fond Alexandra, Triq il-Kbir, Zabbar, f'xi hin bejn nofs il-lejl u s-siegha ta' filghodu:

1. Ikkommetta offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Angel Gwyn Louisielle Mamo, u dan sar b'aggravju peress li l-vittma hi martu.

Ukoll talli f'dawn il-gzejjer, f'diversi lokalitajiet, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

2. Bl-imgieba tieghu kkaguna lil Angel Gwyn Louiselle Mamo martu, biza li se tintuza vjolenza kontriha, kontra wliedhom minuri; Dayle Mamo, Delaiha Mamo u Donnarrick Mamo u kontra familjari ohra taghha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna meta kien jaf jew imissu kien jaf li l-imgieba tieghu se jikkaguna lil Angel Gwyn Louiselle Mamo u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Ukoll talli fl-istess dati, lokalitajiet, hinijiet u cirkostanzi, talli gab ruhu b'tali mod li kien jaf jew missu kien jaf li kien ta fastidju lil Angel Gwyn Louiselle Mamo, martu w omm wliedu, w dan bi ksur tal-Artikolu 251A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi u dan bi ksur tal-Artikolu 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Frar, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216, 251B, 251A, 141, 17, 18 u 31 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u kkundannatu tmintax-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali gew sospizi ghal perjodu ta' sentejn mil-lum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum, fejn il-persuna protetta hija Angel Gwyn Louiselle Mamo u dan taht il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Nathaniel Joseph Mamo, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Frar, 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u minflok tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija u piena;

F'kull kaz u sussidjarjament, tirriforma l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena nflitta fil-konfront tal-appellant u minflok tinfliggi piena iktar idoneja skond ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat l-aggravji imqanqla mill-appellant Nathaniel Joseph Mamo.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi ghalkemm fl-appell minnu ntentat l-appellant jilmenta illi l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti kien wiehed erronju, u dan ghaliex ix-xiehda tal-parti leza ma kenitx wahda kredibbli, madanakollu kemm mill-istess aggravju kif ukoll dak marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti u mis-sottomissjonijiet magħmula mill-abbli difensur ta'l-appellant jidher illi fid-dawl tal-fatt illi l-parti leza haffritlu u anke wriet ix-xewqa li tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali, ghalkemm l-appellant jiċħad dak allegat fil-konfront tiegħu, qieghed jinsisti b'mod ewlieni illi jkun hemm temperament fil-piena erogata fil-konfront tieghu ghall-akkuzi lilu addebitati u li dwarhom huwa gie misjub hati. Dan ghal motiv uniku illi f'kaz ta' imposizzjoni ta' piena karcerarja anke jekk wahda sospiza fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, huwa ser isofri t-telf tal-impjieg tieghu bir-rizultat illi anke martu, il-parti leza w uliedu ser ibatu l-konsegwenzi ta' dan it-telf finanzjarju.

Illi dan maghdud l-Qorti xortawahda fliet l-atti processwali u dan ghaliex l-appellant ghalkemm jiffokka fis-sottomissjonijiet tieghu fuq il-*quantum* u n-natura tal-piena fuqu inflitta, madanakollu fl-ebda hin ma rrinunzja ghall-ewwel aggravju minnu ntentat.

Illi minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi fis-sighat bekrin tal-ghodwa tat-18 ta' Awwissu 2017 l-appellant allegatament hebb ghal martu Angel Gwyn Louiselle Mamo u kkagunalha xi griehi konsistenti f'nefħa u tbenġila fuq għajnejha x-xellugija. Hi rrapurtat lil pulizija illi għal ħabta ta' nofs-il lejl żewġha, l-appellant, daħal fil-kamra tas-sodda fejn kienet rieqda meta ta daqqa kbira fuq il-bieb u ħebb għaliha sabiex isawwatha. Hi mbuttatu lura iżda huwa xortawahda rnexxielu jaghtiha daqqa ta' ponn f'għajnejha. L-

parti leza tallega illi dan ma kienx l-ewwel inċident ta' vjolenza domestika minn taht idejn żewġha fis-sens illi kien hemm okkazzjonijiet ohra fejn hu refa idejh fuhqa matul iż-żwieġ tagħhom ta' tnax (12)-il sena. Kien hemm okkazzjonijiet ukoll meta uliedhom kienu jkunu xhieda ta' dan is-swat. Apparti minn hekk il-parti leza tallega wkoll illi l-appellant kien juża kliem dispreġġattiv u ta' theddid kemm fil-konfront tagħha kif ukoll ta' uliedhom. Illi l-appellant huwa kuntistabbli tal-pulizija bin-numru 495.

Illi f'dan l-incident l-parti leza sofriet griehi ta' natura gravi minhabba ksur fl-għadam ta' madwar għajnejha. Wara li l-appellant tressaq akkużat bl-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tiegħu u wara li l-Ewwel Qorti semgħet il-provi, inkluż ir-rinunzja għall-proċeduri kriminali mill-parte ċivile, l-appellant gie misjub ħati tal-akkużi kollha kif miġjuba kontra tiegħu.

Illi ghalkemm l-appellant cahad dak allegat minn martu u baqa' jinsisti illi ma ikkagunalha ebda griehi, l-Ewwel Qorti madanakollu fid-diskrezzjoni moghtija lilha bil-ligi ghazlet li taghti affidament lil verzjoni tal-parti leza. Illi minn ezami tal-atti processwali, ma jirrizulta illi hemm l-ebda raġuni la fil-fatt u lanqas fid-dritt li tista' twassal lil din il-Qorti titbieghed minn din il-fehma. Illi l-uniku verzjoni tal-fatti ipprezentata mill-appellant tinsab fl-istqarrija rilaxxjata minnu lil pulizija li hija ghal kollox inverosimili, meta jikkontendi illi ma ghandux ideja kif martu garrbet il-griehi minnha sofferti billi ghalkemm kien prezenti fid-dar ma' uliedu minuri, lil martu fl-ebda hin ma raha. Dan jikkontrasta mal-verzjoni dettaljata moghtija mill-parti leza li tiddeskrivi l-mod kif sehh l-incident bejna u bejn zewgha l-appellant. Illi inoltre bil-fatt waħdu illi l-parte ċivile xtaqet tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta' żewġha lejn tmiem l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti ma jnaqqas f'ebda mod mill-veraċita' tad-deposizzjoni taghha. Dan sehh x'aktarx billi l-ko-litigandi lahhqu ftehim ta' separazzjoni w allura d-diswgid ta' bejniethom gie rizolt. Kwindi ghal dawn il-motiv dan l-aggravju qed jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

Illi jifdal biss l-aħħar gravam konċernanti l-piena erogata fil-konfront tal-appellant. Jilmenta illi l-piena ta' sentenza sospiza ser twassal ghat-telf tal-impjieg tieghu bhala kuntistabbli tal-pulizija w allura qieghed jitlob li din tigi varjata sabiex ma isofriex telf finanzjarju b'detriment wkoll ghal familja tieghu li hu obbligat imantni. Dan il-hsieb kien rifless ukoll fis-sottomissjonijiet maghmula mid-difensur tal-parti leza.

Illi jibda biex jinghad illi l-piena kif imposta hija wahda li taqa' fil-parametri tal-liġi ghajr ghal hrug tal-Ordni tal-Protezzjoni fit-termini tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali. Illi din il-Qorti f'diversi okkazzjonijiet sahhqet illi l-artikolu 412C isib applikazzjoni biss *pendente lite*. Dan ghaliex tali Ordni tista' tinhareg biss fil-konfront ta' persuna "akkuzata" u mhux ukoll kontra l-persuna misjuba "hatja" u dan fit-termini ta'l-istess disposizzjoni tal-ligi. Illi l-Qorti ghandha s-setgha biss illi mad-decizjoni finali taghha tordna il-hrug ta' Ordni ta' Trazzin fit-termini tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-Ordni mahruga fit-termini ta'l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali ma sibx applikazzjoni f'kaz ta' sejbien ta' htija u se tigi revokata.

Illi finalment ghalkemm il-kazijiet kollha ta' vjolenza domestika huma kundanabbli u ghandhom jircievu l-ghadab tal-qrati, iktar u iktar meta kommessi minn persuni li f'idejhom hija fdata il-harsien tal-ordni pubblika, madanakollu tenut kont tal-fatt illi illum il-ġurnata l-appellant u l-parte ċivile solvew id-disgwid li kien hemm fir-relazzjoni ta' bejniethom u wasslu ghal ftehim dwar il-mod kif ighixu hajjithom b'mod seperat minn xulxin, il-Qorti hija tal-fehma illi dan l-episodju ma ghandux iwassal sabiex b'mod ewlieni l-parti leza u l-ulied komuni tal-koppja ibatu huma l-konsegwenzi tal-agir kriminuz tal-appellant, b'dan illi jispiccaw minghajr il-manteniment mehtieg ghall-ghejxien dicenti taghhom, fl-eventwalita li l-appellant jitlef l-impjieg tieghu. Il-Qorti tinnota illi l-fedina penali tal-appellant hija wahda nadifa u allura ma jidhirx illi kien hemm incidenti godda wara dak mertu ta' dawn il-proceduri. Il-Qorti ghalhekk ser tvarja l-piena nflitta sabiex din ma

tikkostitwix kundanna, iżda li xorta waħda toħloq id-detterent meħtieġ biex l-atti impudici u kriminali maghmula mill-appellant ma jirrepetux ruħhom.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa l-appell in parte, tghaddi ghalhekk biex tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-appellant Nathaniel Joseph Mamo gie misjub hati tal-akkuzi kollha lilu addebitati, izda tvarja il-piena inflitta u filwaqt li thassar l-Ordni ta' Protezzjoni fuqu imposta permezz tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali, kif ukoll is-sentenza sospiza fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali erogata mill-Ewwel Qorti, minflok wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-appellant bil-kondizzjoni li ma jikkomettiex reat ieħor ghal perjodu ta' tlett snin millum.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta kondizzjonata.

Finalment b'applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali torbot lil hati b'garanzija ta' elf ewro (€1000) ghal zmien sena mil-lum sabiex bl-ebda mod ma jimmolesta lil parti leza Angel Gwyn Louiselle Mamo u lil Dayle, Delaiha u Donnarrick Mamo.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur